MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1858/1998/1

**Emanuel Cassar.**

**vs**

**Malta Drydocks u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2004 Saviour Gauci assuma l-atti ta' din il-kawza f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Settembru 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur hu mpjegat bhala *pipeworker* mas-socjeta` konvenuta f' Bormla (Dok "A").

Illi fl-24 ta’ Ottubru 1996 waqt li l-attur kien qieghed jaghmel xoghol ta’ *pipe-working* mas-socjeta` Malta Drydocks, korra u sofra dizabilta` ta’ natura permanenti u danni ohra, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni li sofra u li jista’ jsofri l-attur (Dok “B”, Dok “C”, Dok “E”, Dok “F” u Dok ’G”).

Illi ghalhekk l-attur sofra danni ta’ natura ta’ *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta *nomine* responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fil-kors ta’ l-impjieg tieghu fuq il-post tax-xoghol nhar l-24 ta’ Ottubru 1996.

2. Tiddikjara d-danni tant bhala *damnum emergens* u *lucrum cessans* sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn anke b’ opra ta’ periti nominandi, u hekk likwidati.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta *nomine* thallas lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Awissu 1998 kontra s-socjeta` konvenuta *nomine* li hija in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Marzu 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta datata 3 ta’ Marzu 1999 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok l-isem legali tal-korporazzjoni konvenuta huwa “Malta Drydocks”.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Malta Drydocks ma tahti bl-ebda mod ghall-incident li l-attur jallega li kellu u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tieghu. Il-korporazzjoni tinkariga nies kompetenti biex jesegwixxu x-xoghol u dawn ghandhom ukoll id-dover li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha rikjesti fil-ligi u skond is-sengha u ghal dan il-ghan tipprovdi wkoll il-facilitajiet u l-ghodod necessarji. Jekk kien hemm xi nuqqas fl-incident in kwistjoni, dan ma kienx la tal-korporazzjoni u anqas tad-dirigenti taghha u ghalhekk kull nuqqas jew negligenza li tista' tirrizulta, ghandu jwiegeb ghaliha direttament min, jekk ikun il-kaz, jirrizulta li naqas jew kien negligenti.

3. Illi konsegwentement il-Malta Drydocks ma hija responsabbli ghal ebda danni li seta' sofra l-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni konvenuta a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-23 ta' Marzu 1999 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur li ta ruhu b' notifikat bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza. Deher Dr. Ludvic Caruana ghall-attur, *in vista* tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta talab korrezzjoni fis-sens li l-kelma "Limited" fl-isem tas-socjeta` konvenuta tigi kancellata. Deher ukoll Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` konvenuta li rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif rikjesta. Dr. Pawlu Lia ta ruhu b' notifikat bl-atti kif koretti u jistrieh fuq l-eccezzjonijiet l-ohra. Inghata digriet tal-affidavit ta' tmenin (80) gurnata. Il-kawza giet differita ghas-17 ta' Jannar 2000 ghall-kontinwazzjoni tal-provi atturi quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Frank G. Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta mil-31 ta’ Ottubru 2000 sas-27 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-Korporazzjoni konvenuta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghas-17 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Mejju 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2004 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` konvenuta. B’ referenza ghar-rikors ta’ Saviour Gauci, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat lill-istess Saviour Gauci f’isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks biex jassumi l-atti minfolk l-Malta Drydocks u ordnat id-debita annotazzjoni fl-okkju tal-kawza. Sussegwentement deher Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attur prezenti u ddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-kontro-ezami ta’ l-attur ghad-9 ta’ Gunju 2004; u l-verbal tat-22 ta’ April 2005 fejn il-Qorti, fuq talba tas-socjeta` konvenuta u a spejjez tal-istess, innominat bhala espert mediku, suggerit miz-zewg partijiet, lill-konsulent kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel biex jezamina l-inkartament tal-isptar u l-inkartament tal-Qorti u jirrelata dwar il-grad ta’ disabbilta` allegata u l-kagun taghha u kull osservazzjoni opportuna.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Frederick Zammit Maempel ipprezentat fir-Registru fis-6 ta’ Gunju 2005 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2005, u dan kif jidher a fol. 156 sa fol. 159 tal-process

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta fejn fis-seduta tal-20 ta’ Gunju 2006 *in vista* tan-nota ghal talba ghall-Periti Addizzjonali, il-Qorti nnominat lil Mr. Carmel Sciberras, Mr. Charles Grixti u Mr. Raymond Gatt a spejjez provizorjament tas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’

Novembru 2006 ghall-prezentata tar-rapport tal-Periti Perizjuri.

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Periti Perizjuri pprezentat fir-Registru fis-16 ta' Ottubru 2006 u mahluf mill-istess Periti Medici fis-26 ta' Marzu 2007 minn Mr. Carmel Sciberras, u fil-15 u 16 ta' Marzu 2007 minn Mr. Charles Grixti u Mr. Raymond Gatt rispettivament kif jidher a fol. 169 sa fol. 173 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta' Frar 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attur. Dr. Pawlu Lia meta ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza ghaliex sostna li huwa kien impjegat tal-entita' konvenuta bhala "*pipe worker"* u fl-24 ta' Ottubru 1996 huwa jghid li sofra dizabilita' permanenti u b'hekk sofra danni konsistenti kemm *f'damnum emergens* u *lucrum cessans*. L-entita' konvenuta tghid li hija bl-ebda mod ma hija responsabbli u jekk kien hemm xi negligenza din kienet tal-attur innifsu.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra taghddi sabiex tiddetermina jekk l-entita' konvenuta hijex responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-attur u f'dan il-kuntest jinghad li jirrizulta li l-attur flimkien ma mpjegat iehor kienu qed jaghmlu xoghol ta' tiswija ta' pajpijiet fuq il-vapur "Olfderdorf" fil-

bacir numru 4 u baqghu *overtime* jaghmlu l-istess xoghol; l-attur fl-affidavit tieghu tat-23 ta' Awissu 1999 (fol. 28 – 31) jghid li waqt li huma kienu qed jissikkaw wiehed minn dawn il-pajpijiet innottaw li wiehed minnhom kellu *strain* qawwi u beda johrog iz-zejt u allura jghid li waqaf minn dak li kien qed jaghmel sabiex isib xi haga halli jilqa' ghall-istess zejt li kien qal li kien hiereg, u peress li ma kellu xejn sabiex jilqa' ghal dan, huwa hares madwaru u ma ra xejn, izda jghid li lemah patalott, u mar u kif qabdu hass skoss qawwi ghaliex dan il-patalott kien fih l-i*scrap* u pogga dan il-patalott taht il-pajp sabiex iz-zejt jaqa' gjo fih. Kompla bix-xoghol izda peress li hassu mugugh ma baqax tard ghax-xoghol; mar id-dar u l-ghada baqa' jhoss l-ugiegh u wara ezami mill-Professur Zrinzo instab li kellu *'a diminished SLR on the left (800) and weakness of the left extensor hallucis longus"* u kellu *"extraformaninal extrusion of a large disc sequestrium in the left L5/S1"* u fil-fatt gie operat fis-16 ta' Novembru 1996 u rrilaxxat fid-29 ta' Novembru 1996 u dahal ghax-xoghol fit-30 ta' Gunju 2007.

Illi in kontro-ezami qal li ilu jaghmel dan ix-xoghol 44 sena u kien jaf li setgha johrog xi naqra zejt meta kien ser jinqala l-pajp izda mhux dik il-kwantita' ta' zejt li fil-fatt harget dak in-nhar u jghid li ma kien ghamel xejn biex jilqa' ghall-istess minn qabel u dan ghaliex huma ma jippreparawx minn qabel (fol. 53); matul il-gurnata s-soltu jkun hemm *cleaners* – izda peress li kien xoghol *overtime* ma kien hemm hadd. Jghid li beda hiereg hafna zejt u dan waqa' mal-art u allura huwa u siehbu marru biex igibu xi haga biex jilqghu dan iz-zejt u jghid li kien hawn li sab dan il-barmil wara xi hames minuti, u allura laqghu iz-zejt li kien fadal (fol. 61). Jghid li sabiex sab dan il-barmil damu xi hames minuti jew anqas (fol. 63). Jghid li ra li dan il-barmil kien mimli bi *scrap* izda ma bassarx li kien ser jigrilu hekk.

Illi jidher li saret *injury note* li giet miktuba mill-*manager* tieghu u eventwalment din giet iffirmata mill-istess attur wara li huwa qraha (Dok. "PL"). Jirrizulta li fuq din in-nota ma hemmx indikat li l-istess attur ha skoss f'daru meta

kien qed jerfa' dan il-barmil, izda li sofra *"strained back while securing bolts",* izda dwar dan l-attur (fol. 71) jghid:-

*"L-imghallem jien kull ma ghidtlu li hadt skoss f'dahri u lanqas jien ma kont naf il-gravita' li kellhi. Anke l-isptar, jiena mort lanqas taw kasi. Imbaghad meta mort b'tant ugiegh, jiena l-ghada li weggajt lanqas jemnuk....."*

Illi l-attur ipprezenta affidavit iehor datat 16 ta' Lulju 2003 (fol. 127 sa 134) fejn jghid li huwa gie mqabbad sabiex jirranga xi pajpijiet li kienu qed jillikjaw izda f'pajp minnhom sabu li dan ma kienx kaz biss li jigu ssikkati l-boldijiet izda li jinqala' l-pajp, u allura gew bzonn xi haga sabiex jilqghu iz-zejt, u siehbu mar ifittex xi haga biex jilqghu ghaz-zejt li kien niezel u jghid li ra dan il-patalott li kien mimli bl-i*scrap* u li kif mar biex ibattlu ha skoss, izda baqa' jahdem u qatt ma bassar li kien ser wegga' serjament minhabba dan. Dwar l-*injury note* jghid li din saret l-ghada meta huwa hass ugiegh f'daru u ma setghax immur ghax-xoghol u kien kellem lil Alfred Galea sabiex jghid lill-*manager* tieghu qallu sabiex johrog *injury note* ghaliex kien wegga' daru fuq ix-xoghol il-gurnata ta' qabel waqt l-*overtime*.

Illi dwar l-istess incident hemm ix-xhieda ta' Vincent Apap (affidavit datata 9 ta' Frar 2001 – fol. 44-46) li kien qed jaghmel ix-xoghol mal-attur dak il-hin u sostna li l-incident inqala' ghaliex f'wiehed mill-pajpijiet kien hemm *strain* u minhabba f'hekk il-pajp beda jillikja z-zejt. Hawn l-istess xhud jghid li l-attur qallu biex jaqilghu l-pajp barra, haga li skond ix-xhud ma kinitx hafifa, izda meta hallewh beda johrog hafna zejt, li skond ix-xhud ma kienx normali li johrog daqshekk, u sabiex ikomplu x-xoghol bilfors riedu inehhu z-zejt kollu; jghid li it-tnejn li huma marru jfittxu f'hiex jilqghu tali zejt, u jghid li l-attur qallu li sab barmil li kien fih l-i*scrap*. L-istess xhud jghid li l-attur qallu li huwa kien battal l-istess barmil u ghamlu biex jilqa' iz-zejt u izda l-attur qallu li fil-fatt kif kien refa' dan il-barmil kien ha skoss f'daru. Xorta l-attur baqa' jaghmel ix-xoghol izda ma qaghadx ghall-perjodu kollu tal-*overtime* ghaliex hassu mugugh u mar id-dar. Sostna wkoll li peress li kienu xoghol wara l-hin ma kienx hemm min jilqa' iz-zejt u

ghalhekk meta tinqala' emergenza bhal dik trid tillapazza b'dak li ssib, u ghalhekk ix-xoghol li jilqghu z-zejt kellhom jaghmluh huma. Sostna li l-ghada l-attur ma giex ghax-xoghol u l-imghallem tieghu talbu jiffirmalu *injury note* u hekk ghamel.

Illi hemm ix-xhieda ta' France Farrugia, *personnel officer* tal-entita' konvenuta li sostna li l-attur kellu 40 sena esperjenza bhala *pipeworker* u dak in-nhar kien imqabbad sabiex jaghmel xoghol normali tieghu fuq pajp, u li allura messu jaf li meta jinqala' pajp, johrog iz-zejt. Fil-kaz odjern saret *injury note* l-ghada meta inqala' dan l-allegat incident u fiha jinghad li  huwa wegga' meta kien qed jissikka pajp. Din kienet giet iffirimata minn Vincent Apap li meta xehed fil-Qorti jidher li ta versjoni differenti u qaghad fuq dak li kien qallu l-attur.  Sostna li l-istess korporazzjoni tipprovdi hwejjeg protettivi ghall-haddiema u ma tipprovdiex bramel izda jkun hemm *cleaners* ghal li jista' jinqala. Mistoqsi xi jsir f'kaz ta' emergenza huwa qal li dan ma kienx kaz ta' emergenza peress li l-attur bhala bniedem ta' esperjenza setgha janticipa li meta jinqala' l-pajp johrog iz-zejt u kien hemm diversi patallotti taz-zebgha vojta li setghu jigu ppreparati. Jirrizulta li dan ix-xhud ma kienx prezenti waqt l-allegat incident.

Illi mill-istess *injury note* (Dok. "D" - fol. 11; Dok. "PL" – fol. 49) datata 25 ta' Ottubru 1996 jinghad li l-konvenut sofra *"strained back while securing bolts"*  u dan id-dokument huwa ffirmat mill-istess attur, minn Vincent Apap u minn *Emanuel* Azzopardi li fil-fatt indika fuq id-dokument li ffirma l-istess proprju fil-25 ta' Ottubru 1996 fit-8.00.p.m. u cjoe' l-ghada li sar l-incident u din il-Qorti thoss li din in-nota tikkontradixxi sew it-tezi tal-attur ghaliex jidher li meta l-ghada hass l-ugiegh huwa indika li dan sehh meta kien qed jorbot il-boltijiet ta' mal-pajp u ma hemm imsemmi xejn dwar il-barmil; dan jghodd ukoll ghax-xhieda ta' Vincent Apap u dan huwa iktar sinifikanti meta wiehed iqies li t-tnejn li huma ffirmaw l-istess dikjarazzjoni u tali firem jidher li ma sarux fl-istess hin anke ghaliex l-attur dam sew ma dahal ghax-xoghol; jidher ukoll li l-istess formula giet mimlija minn *Emanuel* Azzopardi li ma kienx prezenti ghall-istess incident, izda qaghad fuq dak li kien

qallu l-attur meta cempilu l-ghada ta’ l-incident. Jigi nnutat li l-attur bl-ebda mod ma ressaq ix-xhieda ta’ Alfred Galea u/jew ta’ *Emanuel* Azzopardi.

Illi wara li ezaminat akkuratament ix-xhieda prodotta din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta t-tezi tal-attur u dan peress li thoss li x-xhieda tieghu ma hijiex kredibbli, u dan ghaliex hija wkoll inkonsistenti max-xhieda u dokumenti prodotti minnu stess, u hija wkoll *inverosimili*. Dan qed jinghad fl-ewwel lok ghall-fatt li meta l-istess attur irrapporta l-ewwel darba l-incident, u dan kif qal huwa permezz ta’ telefonata lil certu Alfred Galea, li lanqas ingab biex jixhed, u dan qallu sabiex javza lill-imghallem sabiex issir din l-*injury note,* mix-xhieda tieghu huwa ma kienx car kif qal li kien wegga’ u dan meta jidher minghajr ebda dubju li skond il-versjoni tieghu f’din il-kawza huwa wegga’ meta mar jerfa’ dan il-barmil; li huwa sinfikanti huwa pero’ li fl-istess *injury report* tirrizulta raguni ohra li giet irapportata mill-attur ghaliex huwa wegga’ u din kienet dik li huwa wegga’ meta kien qed jissikka l-boldijiet.

Illi jinghad li fix-xhieda kollha tieghu l-istess attur baqa’ mhux car ghaliex tnizzlet din il-versjoni fl-istess *injury note*, u dan huwa iktar sinifikanti, meta f’din il-kawza l-istess attur (hlief ghal dak li ser jinghad dwar id-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni attrici) huwa kategoriku li huwa wegga’ ghaliex refa’ dan l-imsemmi barmil mimli; izda din il-Qorti thoss li meta hija tikkonsidra x-xhieda kollha prodotta, inkluza dik ta’ l-attur stess, ma jistax jinghad li x-xhieda tieghu hija kredibbli, u dan ukoll ghaliex din il-Qorti jirrizultalha li dak li kien imnizzel fl-*injury note* kienet ibbazata fuq informazzjoni li ta l-attur stess, u l-haddiem ta’ mieghu Vincent Apap, u l-persuna li kitbet l-istess *injury note Emanuel* Azzopardi nizzlet id-dettalji fuq l-istess skond dak li gie rapportat lilu u li sostna l-attur, tant li l-istess dokument sar ma’ l-ewwel okkazzjoni wara l-incident, u cjoe’ l-ghada u gie ffirmat sussegwentement kemm mill-attur u kemm mill-imsemmi Vincent Apap, u dan huwa ghal kollox differenti mill-versjoni moghtija mill-istess attur f’din il-kawza. Jinghad ukoll li fl-ebda mument l-istess attur ma ttenta jikkontesta

mal-entita' konvenuta dak li kien hemm kontenut fl-istess nota.

Illi pero' dak li huwa wkoll sinifikanti ghan-nuqqas ta' kredibbilita' ta' din il-versjoni attrici huwa l-fatt li fid-dikjarazzjoni attrici annessa mac-citazzjoni li hija mahlufa mill-attur stess (22 ta' Settembru 1998 – fol. 3) huwa jghid li l-incident sehh meta huwa *"kien qieghed jaghmel xoghol ta' pipe working fuq il-vapur bl-isem 'Oldendorf' fil-Malta Drydocks gewwa Bormla, pipe tal-hydraulic li l-attur kien qieghed jahdem fuqu, u li precedentement kien twahhal u tpogga hazin minn haddiema ohra, kellu 'strain' u hu u jissikkah ha skoss f'daru u bhala konsegwenza ta' dan sofra inkapacita' permanenti ….".*

Illi dan ifisser li fil-waqt li dan jikkonbaccja b'xi mod ma' dak indikat li gara fl-*injury note* datata 25 ta' Ottubru 2006 (Dok. "D"), din hija ghal-kollox kontrastanti max-xhieda li ta l-istess attur fit-23 ta' Awissu 1999, meta jghid li ha skoss meta refa' patalott u barmil, dik moghtija in kontro-ezami tieghu tat-30 ta' Mejju 2001 meta qal li meta refa' l-patalott huwa ha skoss, u dik fl-affidavit tieghu tad-19 ta' Mejju 2003. Certament li f'dan l-istat ta' provi l-versjoni tal-attur ma tistax tigi accettata ghaliex tikkontjenti versjoni kontrastanti.

Illi pero' din il-Qorti thoss ukoll li x-xhieda ta' l-attur ghandha nuqqasijiet ohra fosthom fejn jinghad fil-kontro-ezami tieghu li huwa dam xi hames minuti jew inqas sabiex sab l-istess barmil hekk mimli – u dan meta skond huwa u x-xhud minnu prodott kien niezel hafna zejt mill-pajp li nqala' – din il-Qorti thoss li din ix-xhieda hija wkoll *inverosimili* u dan peress li kieku kien hekk il-post kollu kien ikun mimli kollu zejt, haga li certament ma rrizultatx mix-xhieda kollha prodotta.

Illi mhux hekk biss izda jirrizulta wkoll li din ix-xhieda hija inkonsistenti max-xhieda li ta huwa stess meta qal li wara li siehbu mar ifittex xi haga biex jilqa' ghaz-zejt li kien niezel, huwa ghamel l-istess, tant li fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Mejju 2001 jghid li kien dam xi hames minuti jew inqas sabiex sab dan il-barmil izda f'mument iehor

(affidavit datat 19 ta’ Mejju 2003) jghid li huwa ra l-istess barmil meta kien bil-qeghda u kemm qam u gab l-istess barmil (fol. 128); mhux hekk biss izda fl-affidavit tieghu tat-23 ta’ Awissu 1999 jghid li meta beda hiereg iz-zejt huwa waqaf sabiex igib recipjenti biex jilqa’ z-zejt u hares madwaru u ma kien hemm xejn izda lemah dan il-patalott u gabu, fil-waqt li fix-xhieda ta’ Vincent Apap li kienu mieghu (affidavit tad-9 ta’ Frar 2001) jghid li kemm huwa u kemm l-attur marru biex ifittxu recipjent jew barmil u meta dan mar lura sab lill-attur bil-barmil u allura din il-Qorti thoss li hemm diversi versjonijiet moghtija mix-xhieda attrici li certament ma jistax jinghad li huma konsistenti ma’ xulxin izda kontradittorji ghall-istess u dan irendi l-istess versjoni tal-attur mhux accettabbli peress li ma hijiex kredibbli u dan anke kif sostna ix-xhud France Farrugia fix-xhieda tieghu fl-affidavit tas-27 ta’ Frar 2002.

Illi jinghad ukoll li fix-xhieda tieghu tat-23 ta’ Awissu 1999 l-attur jghid biss li meta refa’ l-patalott ha skoss qawwi u pogga l-istess taht il-pajp u ma jsemmix li huwa battal l-istess recipjent; fil-fatt l-ewwel darba li ssemma’ li kien battal l-istess kien fil-kontro-ezami tieghu tat-30 ta’ Mejju 2001; jigi rilevat ukoll li fix-xhieda tieghu jghid li meta ha l-iskoss huwa kien mugugh mill-ewwel tant li qal li talab l-ghajnuna ta’ Apap sabiex jissikka l-pajp, mentri min-naha l-ohra x-xhud Vincent Apap jghid l-attur hass l-ugiegh f’daru meta lestew ix-xoghol (fol. 45). Dan ukoll juri nkonsistenzi ohra fil-versjoni u provi attrici li jrendu l-istess allegazzjoni tieghu insostenibbli.

Illi huwa veru li fil-gurisprudenza nostrali nkuza fis-sentenza **“Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited”** (P.A. RCP 25 ta’ Jannar 2000) jinghad li l-*employer* ghandu l-obbligu li *“jipprovdi ‘a safe system of work’,* (“**Carmelo Cini vs Carmel Cacopardo noe**” – N.A. 5 ta’ Ottubru 1999) u fil-fatt kif gie dikjarat fis-sentenza **“Borg vs Wells et noe”** (K. 9 ta’ Settembru 1981) li hawn wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li *“in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work”*, u dan tenut kont *“tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol*

*tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol, …..”*

Illi fil-fatt fis-sentenza “**Joseph Bugeja vs Anthony Falzon”** (P.A. 30 ta' April 1997), rieterata fis-sentenzi **“*Emanuel* Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe”** (A.C.7 ta' Dicembru 1994) u **“Keith Caruana vs Joseph Paris et noe”** (P.A. 12 ta' Frar 1999) il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-istess inkluz l-**artikolu 993 tal-Kap 16**, huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti “**Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited”** (P.A. AJM 26 ta' Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem. (**“Eugenio Cassar vs Hallet Construction Co. Limited” –** P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001).

Illi pero' dan ma jfissirx li ghal kull incident li jinqala l-*employer* huwa dejjem responsabbli, anzi l-istess *employer* huwa responsabbli biss meta jonqos li jipprovdi post sigur ghax-xoghol, u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-attur bl-ebda mod ma pprova li l-incident li sehh lilhu sar minhabba nuqqas ta' l-entita' konvenuta u dan anke peress li din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-istess attur ma hijiex kredibbli u hija kontradetta ukoll minn dokumenti u xhieda li gew prodotti minnu stess.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet li gja ghamlet dwar dan il-kaz iktar 'il fuq inkluz fejn din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-attur lanqas taqbel ma' dik ta' Vincent Apap, ghaliex fil-waqt li l-attur jghid li kien siehbu li mar ifittex il-barmil, u huwa qam ghaliex ra wiehed quddiemu, skond l-istess Vincent Apap kienu t-tnejn li marru jfittxu *“xi haga biex nilqghu ghal din il-kwantita' ta' zejt”* (fol. 44). Apparti dan hija stramba kif l-istess Vincent Apap ma rax dan il-barmil li kien ftit il-boghod minnu, u dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-allegazzjoni ta' l-attur li kien hemm barmil li kien tqil u mimli *scrap* tirrizulta biss bhala

allegazzjoni mix-xhieda ta' l-attur, u Vincent Apap jidher li fil-kawza irrepeta mhux dak li huwa ra izda dak li qallu li ghamel l-attur; u dan huwa wkoll differenti minn dak li t-tnejn li huma ffirmaw fl-istess *injury note* u minn dak li ddikjara l-attur bil-gurament fid-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-attur ma tistax tigi milqugha u dan ghaliex ma giex ippruvat lanqas dak li gie allegat minnu, u x-xhieda tieghu ma hijiex la kredibbli u lanqas *verosimili*.

Illi jinghad ukoll li fi kwalunkwe kaz lanqas gie ippruvat li b'xi mod l-istess entita' konvenuta kienet responsabbli ghall-allegat incident soffert mill-attur u dan peress li din il-Qorti thoss li anke jekk jigi accettat li meta inqala' l-pajp mill-istess attur beda hiereg iz-zejt, din kienet haga naturali li ssehh u persuna tal-mistier u ta' esperjenza ta' tant snin bhal ma kien l-attur kellu jkun preparat sabiex ikollu xi haga sabiex tilqa' ghaz-zejt li kien ser johrog mill-istess pajp. Din hija haga naturali u dan iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li mix-xhieda tal-istess attur l-istess pajp kien diga beda jnixxi meta huwa kien qed jipprova jissikka il-*bolts* tieghu, u allura kien naturali li wiehed jipprevedi li jekk kien ser jinqala' l-pajp, kif l-attur iddecieda li ser jaghmel, kienet ser tohrog kwantita' ta' zejt, kbira jew zghira, b'dan allura li kien konsiljabbli u naturali, li l-istess attur u siehbu jahsbu minn qabel sabiex ikollhom recipjent ghal tali eventwalita' li hija certament wahda naturali u bl-ebda mod ma tista' tigi kkonsidrata bhala wahda ta' emergenza.

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li nghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"*Emanuel* Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine."** (Citazzjoni numru 275/88) deciza fis-7 ta' Dicembru 1994 fejn irriteniet l-oneru tal-prova li l-impjegat kien negligenti jaqa' fuq min ihaddem:-

*"U dan sabiex jaghmel tajjeb ghal din l-aljenazzjoni ta' attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita`".*

Illi dan il-principju gie spjegat ukoll fil-kawza **“Borg vs Wells”** (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Settembru 1981) fejn gie ritenut illi:-

*“In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work, u dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li jekk wiehed jiehu t-tezi tal-attur jirrizulta li l-incident sehh mhux minhabba xi nuqqas *da parte* tal-enti konvenuta, izda minhabba nuqqasijiet tieghu u okkorrendo ta’ siehbu u dan ghaliex ma ppreparawx sew sabiex jaghmlu x-xoghol li kellhom jaghmlu, u wkoll ma qaghdux attenti ghall dak li kienu qed jaghmlu; fuq il-kwistjoni tal-barmil, din il-Qorti ma hijiex konvinta li l-incident *da parte* tal-attur sehh meta huwa mar biex jerfa’ dan il-barmil; pero’ jekk ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li hemm xi veracita’ fil-versjoni tal-attur, din il-Qorti thoss li din xorta wahda tipprova n-negligenza tieghu, u dan peress li huwa qabel ma’ jerfa’ il-barmil, setgha jara jekk l-istess kienx vojt jew mimli, u certament jekk kien tqil ma kellux jerfghu, u fil-verita’ hadd ma obbligah biex jqandlu, iktar u iktar meta skond l-istess attur kien ilu mal-hames minuti ifittex xi recipjent, li jidher li kien quddiemu. Ghalhekk f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-entita’ konvenuta ppruvat l-eccezzjonijiet taghha u t-talba attrici ghandha tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-entita’ konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------